**TRIBUNAL GHALL-INVESTIGAZZJONI TA` INGUSTIZZJI**

**IMHALLEF**

**ONOR. C. FARRUGIA SACCO B.A., LL.D.**

Rikors Numru: 759/97

Carmel Bezzina

vs

Direttur Dipartiment tal-Edukazzjoni

Illum 19 ta` Gunju, 2002.

It-Tribunal,

**RIKORS:**

Ra r-rikors li bih ir-rikorrent wara li ppremetta illi bejn id-9 ta' Mejju 1987 u l-15 ta' Mejju 1995, u b'mod aktar preciz fi jew ghall-habta ta' l-1993 ir-rikorrent sofra ingustizzja f' li tilef l-impieg tieghu.

Illi l-fatti tal-kaz kienu fil-qosor, illi r-rikorrent kien ilu jahdem mal-Gvern bhala impressed driver ghal ghoxrin sena. Illi fl-1993 ir-rikorrent gie trasferit minn mal-Awziljarji ghal mal-Education Dept. Illi wara hmistax-il gurnata li kien ilu mad-Dipartiment tal-

Edukazzjoni ir-rikorrent gie mwaqqaf minn xogholu, u dan minghajr ebda raguni.

Illi minnflok ir-rikorrent dahlu nies ohra “Impressed Drivers” u ghalhekk ir-rikorrent huwa konvint li huwa ma thalliex jahdem minhabba l-fehmiet politici tieghu;

Illi minhabba f’dan l-agir, ir-rikorrent kien spicca bla xoghol xejn u rizultat ta’ hekk kemm hu kif ukoll il-familja tieghu ghaddew minn diffikultajiet finanzjarji u anke psikologici.

Illi ir-rikorrent kien bi hsiebu jgib quddiem dan it-Tribunal biex isostni l-ilment tieghu lix-xhieda kollha ndikati fir-rikors.

Ghaldaqstant ir-rikorrent talab lil dan it-Tribunal li jisma’ u jiddiciedi dwar dan l-ilment skond l-Att ta’ l-1997 dwar it-Tribunal ghall-Investigazzjoni ta’ Ingustizzji u li jinghata rimedju billi jigi ordnat li jerga’ jibda x-xoghol bhala “impressed driver” b’kumpens taz-zmien li r-rikorrent ghamel jirregistra ghax-xoghol, jew inkella jekk dan ir-rimedju ma jistax jinghata li jigi ordnat li jithallas kumpens f’ammont ta’ kif jiddeciedi dan it-Tribunal.

Ra l-elenku tax-xhieda tar-rikorrent.

**ECCEZZJONIJIET:**

Ra r-risposta tal-intimat li biha eccepixxa:

1. Illi preliminarjament l-Att VIII ta' l-1997 mhux applikabbli ghall-kaz in ezami stante li dan ma jinkwadra taht ebda wiehed mis-sub paragrafi tas-subinciz (1) ta' l-Artikolu 6.

2. Illi bla pregudizzju ghas-suepost, persuni li jahdmu bhala impressed drivers huma marbutin b'kuntratt. Il-kuntratt jigi mitmum jew mgedded skond il-bzonnijiet tad-Dipartiment. Fil-kaz tar-rikorrent is-servizzi tieghu ma kienux aktar mehtiega u l-kuntratt ma ggeddidx.

Ghaldaqstant it-Tribunal ghandu jichad it-talba tar-rikorrent bhala infondata fil-fatt u fid-dritt.

Ra l-elenku tax-xhieda u dokumenti prezentati mill-intimat.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema` lix-xhieda bil-gurament.

Sema` l-abili difensuri.

Ra illi fis-7 ta' Marzu, 2000 it-Tribunal iddecieda li:

1. Illi l-kaz in ezami jirreferi mhux ghal tkeccija ossija terminazzjoni ta' impieg kif isostni l-intimat izda **f'nuqqas ta' hatra gdida ghal perijodu iehor normalment ta' tlitt xhur ohra minhabba il-bzonn tal-intimat u peress li r-rikorrent**

**kien precedentement impjegat mal-intimat.** Ghalhekk cahad l-eccezzjoni dwar terminazzjoni.

2. Cahad l-eccezzjoni li impressed drivers huma nies self-employed u ghalhekk ma hemmx "dhul fl-impieg".

Ghalhekk il-kawza kienet giet differita ghall-kontinwazzjoni tal-provi.

**PROVI:**

<u>Ir-rikorrent</u> ikkonferma l-ezattezza ta` dak kollu li hemm imnizzel fir-rikors. In kontro ezami zied li kull darba li kien ikun ja jaghlaq il-kuntratt ta' tliet xhur kien jiggedded u din kienet biss formalita`. Sal-1993 kien jahdem mal-awziljari bl-impressed u wara mad-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Wara li waqqfuh ghamel sentejn ma jaghmel xejn u wara ha bicctejn raba minghand missieru u beda jahdem ta' farmer.

**KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk irrizulta li r-rikorrent li kien jahdem mal-intimat bit-truck impressed ma giex moghti estensjoni. Kuntratt ta' dan it-tip jista' ma jigix imgedded ghal diversi ragunijiet bhal li l-vettura mhux tajba, bhal li x-xufier mhux qieghed jaghmel xogholu sewwa, bhal li min qieghed ihaddem ma ghadx ghandu bzonn ta' dak is-servizz. Issa l-intimat sostna li s-servizzi tar-rikorrent ma kinux aktar mehtiega u ghalhekk il-kuntratt ma iggeddidx. Ghalhekk mhux il-kaz li wiehed jezamina l-idonejita' tal-vettura, jew it-tip ta' servizz li kien jippresta r-rikorrent.

L-intimat fl-eccezzjonijiet sostna li s-servizzi tar-rikorrent ma kienux mehtiega. Kien jinkombi fuq l-intimat li jaghti r-ragunijiet ghaliex ma kienux mehtiega – tibdil ta' xi policy, progett li spicca, jew xi raguni ohra. Izda l-intimat la xehed hu u lanqas ma ipproduca biss lanqas xhud wiehed in sostenn ta' dak li eccepixxa. Ma gewx prodotti xi listi ta' dawk bl-impressed. Fic-cirkostanzi tal-kaz ghalhekk it-Tribunal jichad l-eccezzjoni tal-intimat.

Peress li ghalhekk isib l-ilment gustifikat, u peress li ma jistax f'dan il-kaz jordna rimedju kompensattiv, it-Tribunal jirrikmanda li jsir hlas ta' kumpens ta' elfejn lira [LM2000].

Spejjez kontra l-intimat.